MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 730/2003/1

**Matthew Camilleri**

**v.**

**Kriston sive Carson Caruana**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Lulju, 2003 l-attur ippremetta illi fl-erbgha (4) ta' April 2001 fil-fabbrika Raesch Quarglas (Malta) fil-Mosta Technopark limiti tal-Mosta waqt li l-attur Matthew Camilleri kien fuq xogholu huwa gie aggredit u attakkat

fizikament minn persuna li tahdem fl-istess post u cjoe` minn Kirston sive Carson Caruana, li pprokura lill-attur danni fizici u medici konsiderevoli (fosthom griehi gravi u ta' natura permanenti) filwaqt li l-istess konvenut kien fil-periklu tal-mewt, liema danni jirrizultaw mill-*case summary* tal-Consultant Neurosurgeon Dr. J Van's Verlaat anness u mmarkat bhala Dokument MC1; illi l-imsemmi kaz sehh unikament tort u htija tal-konvenut; illi b'konsegwenza ta' dan l-istess kaz, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut, l-attur sofra griehi ta' natura gravi u per durata, danni attwali kif ukoll danni futuri *'lucrum cessans'* kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenut gie interpellat ghal diversi drabi sabiex jghaddi ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kawzati minnu, izda baqa' inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-kaz li sehh fil-limiti tal-Mosta fl-4 ta' April 2001 u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti, id-danni sofferti mill-attur rizultat ta' dan l-istess incident;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati ma' l-imghaxijiet legali.

Bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-22 ta' Ottubru 2001 u tal-ittra ufficjali prezentata fl-24 ta' Frar 2003 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-28 ta' Awwissu, 2003 (fol. 12) il-konvenut eccepixxa:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut ma kkaguna l-ebda dannu fiziku u mediku minhabba illi l-istess attur kien isofri minn kundizzjoni medika minn qabel il-jum ta' l-incident *de quo*;

"2. Illi fi kwalunkwe kaz l-attur ma sofra l-ebda danni permanenti li jistghu jtellfulu xi qliegh fil-futur kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.";

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-27 ta' April, 2007 bil-mod segwenti:

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fil-limiti tal-Mosta fl-4 t'April 2001 u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident;

"Tillikwida d-danni sofferti mill-attur rizultat ta' dan l-istess incident fis-somma ta' Lm6,040 [u] tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati. Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tas-sentenza."

Dik il-Qorti waslet biex tat din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Din il-kawza hi dwar glieda li nghalqet fil-fabbrika fejn kienu jahdmu l-kontendenti f'liema glieda l-attur sofra feriti gravi li rrizultaw f'dizabilita` permanenti.

"Il-konvenut mhux qed jinkontesta l-fatt li hu kien qed jinki lill-attur dwar it-telfa li kienu garrbu t-team tal-Manchester United, ma minn [recte: ma' liema] l-attur kien izomm, u dan billi offrilu tazza mishun bil-lumi diversi drabi. Lanqas ma hu qed jikkontesta mill-konvenut li hu kien ta daqqiet ta' ponn lill-attur f'dan l-incident, izda qed isostni li dan ghamlu billi l-attur kien tah daqqa fuq imniehru qabel. Fix-xhieda tieghu, l-konvenut bhal speci jrid jimminimizza l-incident, u fl-istess hin li hu gie anke provokat mill-attur.

“Min-naha tieghu l-attur spjega dettaljatament x’gara dak in-nhar. Hu xehed hekk:

“Hu jghid li kien xoghol u l-konvenut beda jaqbad mieghu dwar il-loghba futbol li kienet saret il-gurnata ta’ qabel bejn il-Manchester United u Bayern Munich, u dan billi l-attur kien izomm mal-Manchester United. Il-konvenut mar fuqu u f’idejh kellu tazza tal-hgieg mimlija mishun u lumi u biex jinkih qallu biex jixrobha . Il-konvenut poggilu t-tazza fuq il-mejda fejn il-magna fejn l-attur kien qed jahdem. L-attur qallu biex inehhiha pero` Caruana ma tahx kasu. Imbaghad l-attur nehhiha minn hemm u poggiha fuq il-mejda ta’ Caruana. Wara ftit Caruana rega gab it-tazza u poggiha fuq il-mejda fejn l-attur u rega’ qallu biex jixrobha. Ghalhekk l-attur rega qabad it-tazza u poggiha fuq il-mejda ta’ Caruana. Wara ftit sekondi Caruana rega’ mar bit-tazza u l-attur qabadha u battalha fid-dustbin. Il-konvenut mar qabad il-lumija mid-*dustbin* u mar fuq l-attur u ghamilhielu vicin halqu u beda jghidlu biex jiekolha. L-attur nehha l-lumija minn fejn halqu b’idu, u dak il-hin il-lumija taret u laqat lill-konvenut f’geddumu accidentalment meta kien qed inehhi l-lumija. X’hin intlaqat il-konvenut qabad u gholla idejh it-tnejn fuq l-attur u l-attur gholla idejh biex l-konvenut ma jaghtihx u zammlu idejh. Kif nehha idejh minn tal-konvenut, dan intelaq ghal fuqu u ghamel id wahda ma sider l-attur b’tali mod li ma setghax jiccaqqlaq u qabad jaghtih bil-ponn b’idejh l-ohra. Matul dan il-hin kollu l-attur kien bilqeda waqt li l-konvenut kien bil-wieqfa. Il-konvenut kien liebes ingwanti tax-xoghol u taht l-id li beda jaghtih bil-ponn biha, kellu curkett. Il-konvenut beda jaghtih bil-ponn fuq nasu hdejn ghajnejh tax-xellug bla hniena sakemm waqqfu Manuel Baldacchino. Kien hemm prezenti diversi haddiema ohra.

“Il-konvenut qed isostni li hu rreagixxa ghax l-attur kien laqtu f’imniehru. L-attur ighid li hu laqghat lill konvenut accidentalment meta nehha l-lumija li l-konvenut poggilu ma’ wiccu. Mill-provi prodotti l-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kien intlaqat accidentalment mill-attur u mhux deliberatament u dan meta l-attur kien ilu jigi persistentement jigi mdejjaq u minki mill-konvenut ghalxejn. Jirrizulta inoltre, kemm mix-xhieda ta’ li Spettur

Bartolo, u tal-ahwa Baldacchino li l-konvenut ma kellu ebda feriti f'wiccu, u dana gie konfermat anke mit-Tabib Mario Scerri li kien gie nominat mill-Magistrat inkwierenti biex jezamina lill-konvenut li kien qed jilmenta li kien intlaqat mill-attur f'din il-glieda. Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut intlaqat accidentalment mill-attur fil-glieda meta dana kien qed jipprova jehles mill-konvenut li kien qed idejqu. Dina l-glieda giet provokata unikament mill-konvenut ghal raguni ta' xejn.

"Min jikkaguna danni fi glieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew, forsi aktar ezattament, il-"*calor rixae*", jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess. Kieku stess min jikkaguna d-danni ikkagunahom waqt li kien qieghed jirreagixxi, l-iskuzanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tieghu ma kienitx proporzjonata. ( Vol XL pag. 376).

"Fil-fatt fil-kaz in ezami, apparti l-provokazzjoni tal-konvenut, ir-reazzjoni tal-konvenut kienet wahda sproporzjonata, tant li hu kkaguna feriti gravi fuq l-attur, li kien fil-perikolu li jitlef hajtu, u li kieku ma giex imferraq minn Emanuel Baldacchino l-konvenut kien jibqa' jaghtih.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident gara unikament tort tal-konvenut.

"Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut li l-istess attur kien isofri minn kundizzjoni medika minn qabel il-jum ta' l-incident *de quo*, il-Qorti tirrilkeva li dina l-allegazzjoni ma ngabet ebda prova.

**"Danni**

"Il-genituri ta' l-attur xehdu li minhabba dana l-incident huma nefqu hafna flus ghall ispejjez medicinali ta' l-attur, izda kull ma pprezentaw bhala spjejjez ghal **damnum emergens** kienet biss ricevuta ta' Lm4 (ara fol 64).

"L-attur ipprezenta certifikat mediku a fol 5 ta' Dr. J. Van't Verlaat dwar il-feriti li hu garrab. Inoltre l-Qorti kienet innominat espert mediku (Mr. F. Darmanin) biex jezamina

lill attur u dan pprezenta r-rapport tieghu a fol. 55 fejn gie stabbilit illi l-attur qed ibati minn **Permanent Disability ta' 5%.**

"Il-konvenut irrefera ghall-fatt li l-attur, wara l-incident, baqa' jahdem fl-istess impieg u ghalhekk ma garrab ebda danni. Il-Qorti tirrileva li dawn il-Qrati gieli taw hlas anke fejn impjegat izomm l-impieg tieghu, u dan isir fuq il-motivazzjoni li d-dizabilita' tista' dejjem tkun ta' xkiel ghalih milli javvanza u jtejjeb il-posizzjoni finanzjarja tieghu. (Vol LXX1 p2 p 136 Gatt vs Theuma; App Civ. Gatt vs Carbone 7/7/1998; Vol LXXX11 p2 p 242).

"Meta gara l-incident fil 4/4/2001 l-attur kellu 19 il-sena (hu twieled fil 21/4/1981). L-attur jahdem bhala *glass blower* f'fabbrika gewwa l-Mosta. Hu pprezenta *Declaration of Earnings* fejn bhala Gross Pay jirrizulta li hu jaqla' Lm4,782.34 u Net Pay Lm4,137.04 (Dok fol 63). Bhala *weekly wage* hu ghandu Lm62.65 plus Lm15 *Allowance*.

"Il-partijiet ma ghamlu ebda sottomissjonijiet, u lanqas dwar kif ghandhu jinhadem il-kalkolu tal-*lucrum cessans*. Il-Qorti ghalhekk ser tahdem b'dan il-mod. Se tiehu *multiplier* ta' 35 sena; bhala paga fil-gimgha qed tiehu Lm70 fil-gimgha u minhabba l-*lump sum payment* ser tnaqqas ta' 12 % billi l-kawza ilha mit-2003.

"Lm 70 x 56 x 35 = Lm137,200
5% = Lm6,860
12% = Lm6,036

"oltre Lm4 damnun emergens = B'kollox - Lm6,040."

**<u>L-appell tal-konvenut.</u>**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat quddiem din il-Qorti fis-16 ta' Mejju, 2007 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tikkancella s-sentenza msemmija u tilqa' l-eccezzjonijiet kif sollevati

mill-konvenut appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

L-attur ma pprezenta ebda risposta ghar-rikors tal-konvenut u lanqas deher dakinhar li saret it-trattazzjoni.

**<u>L-aggravji tal-konvenut appellant.</u>**

Il-konvenut ressaq tlett aggravji kontra s-sentenza appellata fejn qed jinghad li:
a) l-ewwel Qorti ghamlet kalkoli matematici zbaljati biex tasal ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur;

b) l-ewwel Qorti ma kkunsidratx l-element ta' kontributorjeta` ghall-akkadut da parti ta' l-attur;

c) l-ewwel Qorti naqqset percentwali zghir wisq ghal-*lump sum payment purposes.*

Din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li ghalkemm it-talba fir-rikors tal-appell hija indirizzata lejn ir-revoka tas-sentenza appellata, l-aggravji fuq riportati jistghu biss iwasslu ghar-riforma ta' dik is-sentenza u mhux ghar-revoka taghha billi mhux qed jigi kontestat l-aspett principali u cioe` l-assenza totali tar-responsabbilita` tal-konvenut li tista' twassal ghar-revoka tas-sentenza appellata, izda l-aggravji migjuba huma indirizzati lejn l-ammontar tad-danni li gew likwidati favur l-attur anke jekk dawn ghandhom jigu ridotti minhabba kontributorjeta` da parti tal-attur innifsu. Din il-Qorti sejra tindirizza dawn l-aggravji hekk kif proposti.

**a) <u>Dwar il-kalkoli matematici</u>.**

Hawn il-konvenut jirrileva li meta l-ewwel Qorti ikkomputat il-*lucrum cessans* billi stabbilit paga futura ta' Lm70 fil-gimgha u *multipier* ta' hamsa u tletin sena erroneament immoltiplikat il-paga ta' gimgha ghal sitta u hamsin darba minflok bi tnejn u hamsin darba u cioe` kemm proprjament fiha sena kalendarja. Minn ezami tal-parti konklussiva tas-sentenza jidher li dan l-aggravju huwa gustifikat billi jidher li hemm zball fis-sentenza stante li l-moltiplikazzjoni biex

jigi komputat l-introitu annwu ta' l-attur saret b'56 gimgha minflok bi 52 gimgha kemm effettivament fiha sena skond il-Kalendarju Gregorjan. Dan ghalhekk sejjer jigi rifless fil-parti dispositiva tas-sentenza.

**b) <u>Dwar il-kontributorjeta` ta' l-attur</u>.**

Il-konvenut hawn jissottometti li l-ewwel Qorti naqset taghti riljev ghall-element tal-provokazzjoni li kien hemm da parti ta' l-attur innifsu billi jghid li giet accettata l-verzjoni ta' l-attur u skartata ghal kollox il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnu. Dan qed jinghad mill-konvenut b'referenza ghal dak li qal fix-xhieda tieghu li kien l-attur li ta l-ewwel daqqa ta' ponn.

Dan l-aggravju ma jirrizultax gustifikat u dana ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok ma jirrizultax li l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet minnu pprezentata ressaq id-difiza tal-provokazzjoni anzi hemm sostna biss li hu ma ikkaguna ebda dannu fiziku u mediku lill-attur billi l-istess attur kien isofri minn kundizzjoni medika precedenti ghall-incident. Fit-tieni lok minn ezami tal-provi prodotti u s-sentenza appellata jidher ferm car li l-ewwel Qorti <u>hadet konjizzjoni ta' din id-difiza ossia tal-verzjoni mressqa fl-istadju tal-provi</u> u wara li ezaminat kemm ix-xhieda ta' l-attur u dik tal-konvenut ikkonkludiet li '*Mill-provi prodotti l-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kien intlaqat accidentalment mill-attur u mhux deliberatament u dan meta l-attur kien ilu jigi persistentement jigi mdejjaq u minki mill-konvenut ghalxejn.*' L-ewwel Qorti wkoll waslet biex tghid li '*Din il-glieda giet provokata unikament mill-konvenut ghal raguni ta' xejn.'* Dik il-Qorti sahansitra argumentat li minn jikkaguna danni, anke billi r-reazzjoni tkun sproporzjonata, ma jistax jinvoka, b'riduzzjoni tad-danni, il-provokazzjoni. Din il-Qorti tikkondividi pienament il-hsieb u konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u konsegwentement dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

**c) <u>Dwar it-tnaqqis minhabba l-*lump sum payment*</u>.**

Il-konvenut qed jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti naqqset biss ammont rapprezentanti tnax fil-mija mid-danni likwidati minhabba l-fattur tal-*lump sum payment.* Hu jsostni li l-Qrati taghna generalment jnaqqsu bejn 15% u 20% fil-mija minhabba din ir-raguni. Dan huwa minnu, biss hija gurisprudenza accettata li meta jiddekorri hafna zmien bejn id-data tal-incident u l-likwidazzjoni effettiva tad-danni, il-Qorti tista', fid-diskrezzjoni taghha, tirriduci din il-percentwali biex tirrifletti dak id-dewmien – u hekk ghamlet l-ewwel Qorti meta ikkoncediet tnaqqis ta' 12% '*billi l-kawza ilha mit-2003.'* Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ragjonevoli. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-konvenut biss billi tirriduci l-*quantum* tad-danni ghas-somma ta' Lm5609.60 ekwivalenti ghal tlettax il-elf u sitta u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€13066.85) biex jirrifletti d-differenza fin-numru ta' gimghat li hemm f'sena li bi zball fis-sentenza appellata gew indikati bhala sitta u hamsin. Ghal bqija tikkonferma s-sentenza appellata (inkluz li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-hlas effettiv) u tordna wkoll li fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------